MALTA

# QORTI TAL-APPELLI CIVILI (INFERJURI) MALTA

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 664/2001/1

**Dr. Alfred Sant**

**vs**

**Joe Mikallef**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Frar, 2002 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti,*

*Rat l-avvizipprezentat mill-attur fid-9 ta' Lulju 2001 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur dik is-somma li din il-Qorti, ai termini ta' l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa, tiddetermina bhala danni u*

*riparazzjoni tal-malafama li huwa sofra meta bhala Editur tal-gurnal “In-Nazzjon” fil-harga ta’ l-istess gurnal nhar il-erbgha 20 ta’ Gunju 2001, f’pagna hmistax, ippubblika karikatura bis-sottotitolu “Alfred Sant: Jien Biss ..... Jien Biss...... Jien Biss” (Dokument A anness) li l-ghan taghha kien li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-attur.*

*Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.*

*Ghal finijiet ta’ kompetenza l-pretensjoni ma teccedix il-hamest elef lira (Lm5,000)*

*Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:*

*Illi l-karikatura in kwistjoni mhix libelluza u ghandha titqies bhala “fair comment” dwar u fl-isfond ta’ avvenimenti korrenti li gew rapportati fil-’media’ lokali (Dok B u C) komprizi tlett artikoli li dehru fl-istess harga ta’ ‘In-Nazzjon’ (Dok D,E u F).*

*Semghet ix-xhieda bil-gurament.*

*Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.*

*Ikkunsidrat:*

*Illi din il-kawza ghandha l-origini taghha f’karikatura ppubblikata fil-harga tal-gazzetta In-Nazzjon tal-Erbgha 20 ta’ Gunju 2001. F’din il-karikatura pubblikata magenb l-editorjal turi lill-attur fuq tapit jew podium bl-iswastika jindirizza xi meeting u jitmashan bil-kliem Jien Biss Immexxi. Jien Biss. Il-karikatura taghmel enfasi ghal personagg illi qieghdha tirrapprezenta bil-mustacci illi jidhru taht l-imnieher fejn gie allegat li dana sar apposta sabiex il-karikatura tidentifika lill-attur ma’ Adolf Hitler, il-Mexxej tar-Regim Nazist.*

*L-attur xehed quddiem il-Qorti u spjega kif huwa hassu offensiv b’din il-karikatura u bix-xebh illi gie moghti bejnu u bejn Adolf Hitler. Fost affarijiet ohra l-attur stqarr “il-karikatura hija offensiva ferm ghalija peress illi tahti*

*tpoggiet iswastika Nazista, u ghalhekk jiena gejt identifikat bit-twemmin, prattika u osservazzjoni ta' dan il-fenomenu, haga li hija totalment anatema u kontra dak illi nemmen fih jien. Barra minn hekk fil-wicc tal-karikatura tpoggew ukoll mustacci li jixxiebhu hafna dak li normalment wiehed jara fl-istampi ta' Hitler, biex b'hekk lili poggewni u identifikawni ma' dan il-personagg b'kemm iswastika illi hemm tahti kif ukoll b'dawn il-mustacci. Personagg li ghalija jiena ma nidentifikax u di piu' inhoss li hu kontra t-twemmin tieghi li u qed jaghmilli l-hsara fil-konfront ta' min jara din il-karikatura".*

*Il-kwistjoni li trid tindaga din il-Qorti hija sa fejn din il-karikatura tista tigi identifikata b'dan il-personagg u safejn tista issir hsara lill-attur fil-konfront ta' terzi illi jaraw din il-karikatura.*

*Ikkunsidrat:*

*Hija l-fehma tal-Qorti illi jekk wiehed jara l-assjem ta' din il-karikatura bid-dettalji kollha taghha, wiehed bilfors jasal ghal konkluzzjoni illi l-personagg ta' l-attur qed jigi identifikat mal-personagg ta' Adolf Hitler. L-iswastika illi tidher taht l-attur hija cara hafna u hija ndizju tan-nazzjonalizmu Nazist illi kien jezisti fl-era ta' Adolf Hitler, era illi hija ben maghrufa ghal hruxijiet, gwerer u atrocitajiet ohra illi gew kommessi f'isem in-Nazismu. Bir-ragun l-attur hassu ngurjat b'din l-identifikazzjoni u assimilazzjoni.*

*Il-konvenut minn naha l-ohra jghid illi l-posizzjoni ta' l-iswastika taht saqajn il-personagg hija indikazzjoni illi dak il-personagg qieghed jikkalpesta l-iswastika u mhux qieghed jirkeb fuqha. Di piu' ma kien hemm l-ebda attentat sabiex jidentifikaw lill-attur ma' Adolf Hitler u dawk il-mustacci illi jidhru taht l-imnieher huma biss shadow u xejn aktar.*

*Fuq din l-ahhar spjegazzjoni, l-Qorti rat il-kampjuni ta' karikaturi ohra illi gew esebiti mill-konvenut sabiex jiggustifika dak id-dell taht l-imnieher. Il-Qorti pero' ma tistax ma tikkummentax illi dak id-dell hu bla dubbju ta'*

*xejn accentwat f'dik il-karikatura, f'dik is-sitwazzjoni u pozizzjoni jista jigi identifikat mill-qarrej ordinarju bhala mustacci ta' Hitler biex b'hekk il-personagg ta' l-attur jigi identifikat ma' dan il-fenomenu. Huwa inutili illi l-konvenut jipprova jiggustifika din il-karikatura billi jaghmel referenza ghall-editorjal fl-istess pagna u li l-karikatura ghandha tiftiehem fis-sens ta' l-istess editorjal.*

*L-istampa visiva hija aktar effettiva u hija l-ewwel li tolqot l-ghajn. Il-qarrej ordinarju illi jara din il-karikatura ser imur mill-ewwel fuqha u ser jidentifika lill-personagg ma' dak illi kien intiz li jigi identifikat, f'dan il-kaz Adolf Hitler. Il-wicc pero' huwa bla dubbju ta' xejn karikatura ta' l-attur, pero' maghmul b'tali mod illi jigi identifikat ma' dak il-fenomenu ta' stmerrija.*

*Kif ghallmet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Onorevoli Perit Michael Falzon, decizjoni moghtija fil-15 ta' Dicembru 1977 qalet "illi huwa wkoll stabbilit fil-gurisprudenza taghna illi l-gudikant ghandu jara dak li ragonevolment jifhem il-qarrej ta' intelligenza ordinarja: it-test tal-karattru libelluz o meno ta' artikolu li jikkonsisti fl-impressjoni li jhalli l-artikolu fuq il-qarrej ordinarju". Il-fatt illi f'din il-kawza ghandna karikatura u mhux xi artikolu jkompli jenfasizza dan it-taghlim fis-sens illi l-impressjoni li thalli din il-karikatura fuq il-qarrej ordinarju, huwa t-test li l-Qorti trid tuza sabiex tasal ghall-konkluzzjoni taghha.*

*Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tisma opinjonijiet ta' esperti u ambaxxaturi sabiex jghidulha x'fehmu b'dik il-karikatura. Dawna ma jikkwalifikawx bhala "…qarrejja ordinarji" fis-sens fuq imsemmi. Ma hemmx dubbju illi l-ewwel impressjoni li l-karikatura taghti, hija l-identifikazzjoni mal-personagg ma' Adolf Hitler u ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi dana huwa difamatorju fil-konfront ta' l-attur.*

*Kif qal l-awtur Gatley fil-ktieb (Libel and Slander) "any imputation which may tend to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society, to cut him off from society, or to expose him to contempt or to redicule is defamatory of him".*

*Din il-karikatura tesponi lill-attur "to contempt and redicule" ghax anke l-posizzjoni u l-mod kif qed jitmashan hija ntiza biex tirredikola lill-attur. Veru illi l-attur bhala politiku prominenti jrid jissubixxi certa ammont ta' kritika u anke moghdija biz-zmien, pero' bhalma wkoll ghallmet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* *__Anglu Fenech pro et noe vs Carmel Callus et__* *b'decizzjoni ta' l-4 ta' Frar 1994, l-politici, l-entitajiet politici u trade unions kellhom ikunu aktar tolleranti lejn il-kritika, pero' jkun hemm libell biss meta l-kummenti jkunu intollerabbli. F'dan il-kaz il-Qorti jidhrilha illi meta l-attur gie paragunat ma' personagg ta' tali stmerrija bhal Adolf Hitler, allura tali paragun huwa ntollerabbli u ma ghandu qatt jigi wzat mill-media biex jirredikola lil xi hadd.*

*Dana wkoll gie deciz f'kawza fl-ismijiet* *__David Agius vs Alfred Sant__* *tas-7 ta' Mejju 1993 fejn il-Qorti ghamlitha cara li l-media ma kellhiex tigi wzata bhala mezz biex tirredikola ndividwi u tesponihom ghal disrispett pubbliku. Politiku jew mhuwiex, l-attur huwa ndividwu illi jisthoqqlu l-protezzjoni tal-ligi meta jigi identifikat u abbonat ma' persuna li l-istorja kkundannat bl-aktar mod assolut u bl-aktar stmerrija.*

*F'kawza deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet* *__Richard Farrugia vs Felix Agius__* *deciza fit-30 ta' Jannar 1992 il-Qorti kienet qalet illi kien libelluz li tghajjar lil xi hadd bhala mazun. Jekk il-Qorti dehrilha illi kellha tmur f'dawn l-estremi, ahseb u ara fil-kaz odjern meta l-attur gie identifikat ma' personagg daqshekk orrend bhal Adolf Hitler. Huwa inutili li l-konvenut jipprova jiggustifika din il-karikatura billi jaghti tifsira u mpressjonijiet illi jidhirlu illi kellhom jinghataw lil dik il-karikatura. The ordinary man in the street mhuwiex xi editur ta' gazzetta jew inkella xi professur ta' ragonar ta' kif ghandhom jigu interpretati karikaturi. Il-karikatura kif inhi hija libelluza l-ghaliex mal-ewwel daqqa t'ghajn tidentifika lill-attur mal-personagg imsemmi u ghalhekk l-attur jisthoqqlu li jigi moghti l-protezzjoni tal-Ligi u d-danni konsegwenzjali.*

*Ghal dawn il-motivi,*

*Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur is-somma ta' seba mitt lira (Lm700.00) bhala danni u riparazzjoni tal-malafama li l-attur sofra meta l-konvenut bhala Editur tal-gurnal "In-Nazzjon" fil-harga ta' l-istess gurnal nhar il-Erbgha 20 ta' Gunju 2001, f'pagna hmistax, ippubblika karikatura bis-sottotitolu "Alfred Sant: Jien Biss ..... Jien Biss...... Jien Biss" li l-ghan taghha kien li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-attur.*

*Bl-ispejjez u l-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza kontra l-konvenut."*

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. L-aggravji tieghu devoluti lil din il-Qorti huma maghmula f'dawn it-termini:-

(i) It-terminu "qarrej ordinarju" gie zbaljatament koncepit mill-ewwel Qorti;
(ii) Il-karikatura ma kenitx libelluza;
(iii) Ghall-kuntarju l-istess karikatura kellha titqies li hi "fair comment" ta' avvenimenti kurrenti.

L-azzjoni hawn trattata hi dik ghad-danni ghall-malafama kontemplata fl-Artikolu 29 ta' l-Att dwar l-Istampa. Liema malafama tinsorgi jekk fl-istampat denunzjat jigu attribwiti lil persuna "fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu jew li jesponuha ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku" (Art 11 (a)).

Il-karikatura certament tirrientra fit-tifsira li l-Att imsemmi bl-Artikolu 2 jaghti lill-kelma "stampat". U effettivament skond il-kazistika Ingliza "*a man may be as grossly libelled, as effectively exposed to hatred, contempt and ridicule, by a caricature as by written language*" ("**Ellis –vs- Kimbell**" (1834), citata f'nota marginali fil-Gatley "**On Libel and Sander**", 7th Edition, pagna 42).

Wiehed mill-principji li jirregolaw kaz bhal dan hawn ezaminat hu dak li l-gudikant ghandu jara x'inhu dak li jifhem ragjonevolment bl-istampat il-"qarrej ordinarju"

("**Onorevoli Wenzu Debrincat –vs- Onorevoli Dr. Carmelo Caruana**", Appell Kriminali, 15 ta' Gunju 1957; "**Onorevoli Segretarju Parlamentari Joe Fenech –vs- Evarist Bartolo**", Appell, 8 ta' Gunju 1999).

Verament mhux importanti li wiehed jara x'kellu f'rasu l-awtur tal-istampat jew jara kellux 'animus injuriandi' imma dak li hu mportanti hu li wiehed jara x'jifhem il-qarrej ordinarju u ta' intelligenza normali meta jaraha ("**Avukat Dr. Jos. Desira Buttigieg –vs- Emanuele Cossai**", Appell Kriminali, 29 ta' Novembru 1958; "**The Police –vs- Joseph James Scorey**", Appell Kriminali, 10 ta' Jannar 1949; "**Joseph Scerri –vs- Thomas Hedley**", Appell Kriminali 13 ta' Jannar 1962).

B'qarrej ordinarju wiehed necessarjament jifhem dak li fid-dottrina Ingliza jissejjah "right thinking person". Persuna li ma toqghodx tissottolizza imma tifhem il-kliem jew stampat iehor "*in their natural and ordinary meaning, i.e. in the meaning in which reasonable men of ordinary intelligence, with the ordinary men's general knowledge and experience of worldly affairs, would be likely to understand them*" (Gatley, op. cit. Pagna 47). Dedotti mill-istampat hemm imbaghad l-inferenzi "*which a reasonable reader guided not by any special but only by general knowledge and not fettered by any strict legal rules of construction would draw from the words*" ("**Jones –vs- Skelton"**, 1963).

Fil-kuntest tal-kaz de quo qarrej ordinarju jaghti lill-karikatura oggezzjonata l-istess sinifikat li l-attur jattribwilha:-

"*Il-karikatura hija offensiva ferm ghalija, peress illi tahti tpoggiet is-swastika Nazista u ghalhekk jien gejt identifikat bit-twemmin, prattika u osservazzjoni ta' dan il-fenomenu. Barra minn hekk fil-wicc tal-karikatura tpoggew ukoll mustacci li jixxiebhu hafna dak illi normalment wiehed jara fl-istampi ta' Hitler, biex b'hekk lili poggewni u identifikawni ma' dan il-persunagg kemm bl-iswastika li kien hemm tahti*". (fol 12)

Il-karikatura oggettivament analizzata ma tistax tinghata s-sens invers li jipprova jadduci l-konvenut mehud qies tal-assjem taghha, kompriz ghalhekk l-asserzjoni tal-kliem addebitat – "*Jien biss immexxi … … Jien biss naf kollox … … Jien biss ghandi raguni … …"* - li ghandhom sapur ta' mexxej assolut u totalitarju, kif hekk appuntu kien il-persunagg Hitler. Xejn ma jiswa lill-awtur tal-karikatura illi l-attur ma kienx tat-tip mifhum mill-attur innifsu jew li anzi fl-opinjoni tal-konvenut "*il-messagg li ridna naghtu kien illi Dr. Sant kien qieghed jikkalpesta u jirfes dak il-fenomenu Nazist rapprezentat b'dik l-iswastika*" (fol 18). Dak li verament jimporta hu li l-qarrej jifhem li l-attribuzzjoni maghmula fl-istampat tolqot lill-attur. ("**Thomas Hedley –vs- Dr. Anton Buttigieg**", Appell Kriminali, 23 ta' Mejju 1962). It-tifsira ma tistax tkun dik innokwa skond il-fehma tal-konvenut u fl-istess waqt, dik diffamatorja skond l-opinjoni tal-attur. It-test ghandu jkun wiehed oggettiv kif mifhum mill-qarrej ordinarju.

Kif jghallem il-Gatley ( op. cit. Pagna 44) "*what imputation is conveyed by any particular words is to be determined on an objective test, that is, by the meaning in which the ordinary reasonable man would understand them. The test according to the authorities is whether, under the circumstances in which the writing was published, reasonable men to whom the publication was made would be likely to understand it in a libellous sense. The imputation conveyed is not to be determined by the meaning intended by the man who published the words, nor is it necessarily determined by the meaning which those to whom the words were published in fact attached to them*."

Konsiderata minn din l-ottika ma jidhirx li l-konsiderazzjonijiet ta' apprezzament ta' fatt u ta' dritt li ghamlet l-ewwel Qorti jista' jitqies censurabbli.

Intqal fid-decizjoni "**Il-Pulizija –vs- Rocco Abdilla et**", Appell Kriminali, 28 ta' April 1962:- "*Appena hemm bzonn jigi rilevat li l-paragun ta' persuna ma' "any odious, disreputable or contemptible person" hu libelluz. Hekk il-kazistika gudizzjarja toffri l-ezempji ta' paraguni libelluzi*

*ma' Guda, Shylock etc* (***Gatley*** *p32;* ***Folkard*** *" The Law of Slander and Libel" p 165). F'kazijiet simili ma hemmx bzonn li jigi ppruvat ebda "innuendo"."*

Apparti l-bosta ezempji ohra li nsibu fil-Gatley (op. cit. para 50), fil-gurisprudenza taghna niltaqghu fost ohrajn ma' dawn l-ezemplari:- "giddieb" (**Sir Gerald Strickland –vs- Goffredo Chretien**", Appell Civili, 10 ta' Jannar 1027) "mazun" ("**Sir Gerald Strickland –vs- Spiridione Mallia**", Appell Kriminali, 4 ta' Frar 1928), "komunist" ("**Il-Pulizija –vs- Joseph Olivier Munroe**", Appell Kriminali, 7 ta' Marzu 1949; "**Perit Duminku Mintoff et –vs- Dottor. Carmelo Schembri noe**", Appell Kriminali, 7 ta' Frar 1953; "**Dominic Mintoff –vs- Thomas Hedley et nomine**", Appell Kriminali, 28 ta' Novembru 1953).

Huwa minnu li persuna li tokkupa kariga politika hi esposta ghal kritika ("**Sir Gerad Strickland –vs- Enrico Mizzi**", Appell Civili, 25 ta' April 1938). Kitba anke harxa u skomda. Dejjem pero' fil-parametri accettati tad-dicenza permissibbli f'socjeta' demokratika ("**Onor Lorry Sant –vs- Victor Camilleri**", Appell Civili, 14 ta' Frar 1994; "**Onor Philip Muscat –vs- Victor Camilleri**", Appell Civili, 19 ta' Mejju 1995). Infatti gie espress illi "*l-ingurja fil-kamp politiku jew sindakali huwa dak li normalment ma jirrikjedix dak il-grad ta' protezzjoni li hemm bzonn f'attivitajiet socjali ohra*". ("**A. Fenech pro et noe –vs- Carmelo Callus et noe**", Appell Civili, 4 ta' Frar 1994.)

Id-decizjoni fl-ismijiet "**Vincent Borg –vs- Victor Camilleri et**", Appell Civili, 8 ta' Novembru 1994, affermat ghal darb'ohra l-principju, akkolt fil-kazistika tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, tal-"higher degree of tolerance to criticism" u rrikonoxxiet, fuq l-iskorta tal-**Lingens case** illi "*the limits of acceptable criticism are accordingly wider as regards a politician than as regards a private individual*". Fl-istess sens id-decizjonijiet recensjuri tal-istess Qorti Ewropeja "**Bladet Troms and Stensaas –vs- Norway**", 20 ta' Mejju 1999 u "**Bergens Titende and others –vs- Norway**", 2 ta' Mmejju 2000, citati wkoll mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza "**Perit Duminku Mintoff – vs- Dr. Joe Brincat et**", 8 ta' Jannar 2001.

Fihom gie approfondit id-dibattitu dwar il-limiti ta’ l-istampa u l-bilanc li kellu jinzamm bejn dan l-istess dritt u l-interess ta’ l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni u l-integrita’ tal-karattru tieghu.

B’danakollu, kif gja rilevat, kemm il-Qorti Ewropeja kif ukoll il-Qrati taghna dejjem qaghdu attenti illi filwaqt li rrikonoxxew stampa hielsa f’pajjiz demokratiku ammonew ukoll illi dik kellha tkun “*stampa responsabbli li kienet obbligata wkoll illi entro l-limiti stabbiliti, topera bir-rispett xieraq tal-persuni li jattiraw l-attenzjoni taghha bhala oggett ta’ kritika jew kumment*” (“**Onorevoli Perit Charles Buhagiar –vs- Ray Bugeja noe**”, Appell, 25 ta’ Mejju, 2001.)

Bhala konsegwenza dan iwassal ghall-osservazzjoni li ma jistax ikun accettat illi taht il-parvenza tal-‘fair comment’ il-kumment isir semplici invettiva jew abbuz.

Id-decizjoni fl-ismijiet “**Reginald Miller –vs- Joseph J. Scorey**”, Appell Kriminali, 26 ta’ April 1948 toffri spjega dettaljata ta’ x’jikkostitwixxi “comment” u x’jikkostitwixxi “fair”. Jinghad li “*the criticism is not “fair” if it is such as any fair man, however exaggerated or obstinate his views, would not have written that criticism*”. Ghalhekk id-difiza tal-kumment gust taqa’ comb ghax kif inhu logiku *“the defence of fair comment does not extend to cover mis-statement of facts, however ‘bona fide’ ”* (**Vol XXX III pIV p800**; **Vol XLIII pIV p1126**; **Vol XLII pIV p1470**; **Vol XLIV pIV p874**).

Minn natura taghha l-karikatura (fol 2) twaqqa’ d-difiza tal-kritika gusta. Bizzejjed wiehed jaghti titwila anke superficjali lejn din il-karikatura jew cartoon biex jikkonkludi li din ma hijiex, kif ta “ad intendere” il-konvenut illi kienet sempliciment qed tirrapprezenta r-rabja tal-attur fil-konfront tan-Nazisti, konsiderata fil-kuntest tal-editorjal. L-implikazzjonijiet taghha bl-abbinament mal-figura ta’ Hitler jaghmlu mill-karikatura l-offiza lill-attur. Il-messagg mhux ekwivoku li jista’ jinghad li jiftiehem mod jew iehor. “*Dan kollu jfisser li dik il-karikatura … … hi prova ta’ dik l-“ill will” jew “animosity” li teskludi d-difiza tal-kritika gusta*”

– "**<u>Il-Pulizija –vs- Joseph Micallef Stafrace</u>**", Appell Kriminali, 8 ta' Jannar 1959).

Jekk is-sens li l-qarrej ordinarju jaghti lill-karikatura hu wiehed univoku, kif ben tajjeb inkwadratu l-ewwel Qorti, allura l-konkluzjoni naturali hi dik raggunta mill-istess Qorti in kwantu perfettament u legittimament jattalja ma' dan l-istess sens. Konkluzjoni li tinkwadra bis-shih l-ilment ta' l-attur illi bl-attribuzzjoni li taghmel il-karikatura jincidi fuq ir-reputazzjoni tieghu u tesponih ghar-redikolu u ghad-disprezz. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma ssib l-ebda gustifikazzjoni jew raguni biex issostni l-fehma tal-appellant illi "l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti hija kompletament l-inverzjoni tal-messagg li taghti l-karikatura". Manifestament, fil-kaz de quo, il-kuntrarju ta' din l-affermazzjoni hu l-kaz.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra espressi mill-ewwel Qorti, l-appell interpost qed jigi rigettat u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

--------------------------------TMIEM--------------------------------